MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-27 ta' April, 2012

Numru. 352/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anna Marie Micallef)**

**vs**

**Kurt Borda**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Kurt Borda ta' 20 sena, bin Joseph u Mary Diane nee' Grech, mwieled l-Pieta' nhar it-3 ta' Marzu 1989, residenti 'Turretta', Triq il-Bahar l-Iswed, San Gwann u detentur tal-karta tal-identita' numru 132789(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar is-16 ta' Lulju 2008, ghall-habta tad-disgha u nofs ta' filghaxija (21:30hrs), waqt li kien qieghed isuq vettura numru DBA 121 ta' l-ghamla Landrover, fi Triq it-Torri, Sliema,

1. B’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’ nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’ nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti ikkaguna il-mewt ta’ Maria Carmela Melita Bonnici, anzjana ta’ 81 sena minn Tas-Sliema;

2. Saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBA 121 ta’ l-ghamla Land Rover b’ manjiera traskurata;

3. Saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBA 121 ta’ l-ghamla Land Rover b’ manjiera perikoluza;

4. Minhabba c-cirkostanzi tat-triq saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBA 121 ta’ l-ghamla Land Rover b’ velocita’ qawwija;

5. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi waqt li kien qed javvicina pedestrian crossing naqas li jiehu il-prekawzzjonijiet mehtiega;

Il-Prosekuzzjoni qieghda gentilment titlob sabiex f’ kaz ta’ htija, minbarra l-piena stabbilita, jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Il-Qorti umilment mitluba li barra li tinfliggi l-piena marbuta ma’ dawn ir-reati, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez a tenur ta’ l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 7 ta’ April, 2009 (esebit *a folio* 15 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-16 ta’ Lulju, 2009 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali magmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;
Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci tal-kaz in dizamina jirrigwardaw incident stradali li sehh fis-16 ta' Lulju 2008 ghall-habta tad-9.15pm fi Triq it-Torri Tas-Sliema fejn Carmela Melita Bonnici mara anzjana ta' 81 sena sfat milquta minn vettura tal-marka Land Rover bin-numru tar-registrazzjoni DBA 121 misjuqa mill-imputat Kurt Borda. L-anzjana sfortunatament mietet ftit tal-hin wara li ttiehdet l-Isptar bhala konsegwenza tal-griehi li hija sofriet fl-imsemmi incident. Mill-provi rrizulta li l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu gej mid-direzzjoni ta' San Giljan u sejjer lejn Tas-Sliema u li fil-vettura kellu mieghu bhala passiggiera lil Thea Borg. Huma kienu ghadhom kemm telqu mid-dar tal-imputat u kienu sejrin dawra bil-karozza fuq il-Front ta' Tas-Sliema.Irrizulta wkoll li l-incident sehh kwazi quddiem id-Diplomat Hotel fejn hemm il-bus stop u li ftit metri l-quddiem, precizamnet 19.5 metri, kien hemm pedestrian crossing. Ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li l-anzjana ma kinitx qed taqsam minn fuq il-pedestrian crossing izda minn quddiem il-bus stop u li hija kienet qed taqsam min-naha tal-promenade ghan-naha l-ohra. It-temp kien tajjeb u car, l-art kienet xotta u l-vizibilita' kienet tajba. Mill-provi rrizulta wkoll li Bonnici giet imtajra bil-quddiem tal-vettura tal-imputat, precizament bin-naha tax-xellug ta' quddiem u hija ntremiet 4.3 metri l-boghod minn quddiem il-vettura u sussegwentement waqghet ma gemb il-vettura tal-imputat. Mal-impatt il-gonta tal-bullbar tal-vettura tal-imputat inqasmet u l-fanal ta' quddiem inkiser. Mil-iskizz imhejji mill-espert nominat fl-Inkjesta Magisterjali[1] u li n-nomina tieghu giet debitament konfermata permezz ta' digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Lulju 2009, il-Perit Richard Aquilina[2], jirrizulta li l-ispot of impact sehh 2.25 metri l-barra mill-bankina tan-naha tal-promenade. Bonnici ntlaqtet fuq in-naha tax-xellug tat-triq, u cioe' minn fejn kien gej l-imputat. Mal-impatt il-vettura tal-imputat mxiet distanza ta' 71.55 metri u Bonnici spiccat man-naha tax-xellug tal-vettura mal-art.

[1] Process Verbal relattiv inserit a a fol. 18 tal-attti processwali
[2] Rapport relattiv inserit a fol. 76 et sequitur tal-Process Verbal.

Meta xehed quddiem l-espert tat-traffiku Mario Buttigieg[3] l-imputat qal li kien qed isuq b'velocita' moderata li ma setghax jindika x'kienet peress li kellu l-ispeedometer mhux qed jahdem u qal li huwa ma kienx innota lil Bonnici fit-triq. Huwa spjega li meta qabez it-Torri naqqas il-velocita' ghalkemm ma kien hemm hadd fuq il-pedestrian crossing u meta wasal hdejn il-pedestrian crossing pogga l-vettura fuq it-third gear u rega' ghafas il-gass u f'hin minnhom it-tfajla tieghu Thea Borg qaltlu 'ara hemm' u huwa ghafas il-brake li baqa' taht saqajh. Huwa spjega li l-mara qatt ma raha taqsam u meta waqaf u nizel mill-vettura tieghu sab lil mara anzjana mal-art bid-demm hiereg minn halqa u huwa cempel immedjatament ghall-ambulanza. Huwa qal li nies fuq il-bus stop ma kienx ra u li malli qabez il-bus stop sema' d-daqqa. L-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Illi mir-rapport tal-esperti Mario Buttigieg u l-Perit Richard Aquilina rrizulta li fuq ix-xena tad-delitt il-vettura misjuqa mill-imputat halliet brake marks. Kien hemm zewg sinjali ta brake marks, fejn il-marki mholljia mill-brakes man-naha tax-xellug kienu itwal minn dawk man-naha tal-lemin. L-itwal brake mark kien twil 31.25 metri u s-sinjali tal-bakes ma kienux dritti izda imdawrin. Din hija ndikazzjoni li l-vettura ma baqghetx dritta izda kien hemm hin fejn bdiet iddur. L-espert tekniku Mario Buttigieg effetwa testijet minn fejn irrizulta li l-coefficient of friction fuq wicc it-triq kien ta' 0.56. huwa seta' mbaghad jistabilixxi il-velocita' li kien ghaddej biha l-imputat qabel l-incident u b'liema velocita' laqat lil Bonnici. L-espert Mario Buttigieg abbazi ta' dawn il-konstatazzjonjiet u kalkoli li ghamel ikkonkluda li l-imputat kien qed isuq b'velocita' ta' 41 mil fis-siegha u li huwa laqat lil pedestrian b'velocita' ta' 40 mil fis-siegha. Huwa kkonkluda wkoll li d-daqqa li l-vittma hadet kienet bil-faccata ta' quddiem tal-vettura. Peress li dawn it-tip ta' vetturi ghandhom faccata gholja u catta, velocita bhal din thalli griehi ta' natura gravi fuq il-vittma li jolqtu iktar il-fuq minn vetturi normali. Intant hadd ma seta' jghid x'gara u kif sehh l-incident u dan minhabba li l-incident sehh daqshekk malajr. Illi mill-kalkoli

[3] Rapport relattiv inserit a fol. 29 et sequitur tal-atti porcesswali

li ghamel l-esponent wiehed jista' jghid b'mod car li sakemm is-sewwieq applika l-brejkijiet u waqqaf il-vettura totalment huwa ha hin b'kollox ta' zero punt wiehed tnejn (0.12) ta' sekonda. Intant mill-aktar kalkoli li ghamel l-esponent fuq dan l-incident stradali jirrizulta li kieku Kurt Borda kien qed isuq b'velocita kif stipulatha fil-motor vehicle regulation u cioe inqas minn tlettin mil fis-siegha kien jevita  lill-vittma bi sbatax punt seba' (17.77) metri. Mir-rapport tal-espert tekniku Mario Buttigieg irrizulta wkoll li meta huwa ezamina l-vettura tal-imputat fuq il-post tal-incident irrizulta li l-brakes kienu qed jorbtu biss fuq naha wahda. F'dan l-istadju gie mahtur espert mekkaniku sabiex jezamina l-vettura, li kien Joseph Zammit, u saru diversi testijiet fejn irrizulta li l-*braking system* tal-vettura jahdmu bis-sistema ta' *disk brakes*. Illi waqt l-ezaminazzjoni din il-vettura giet misjuqa b'velocita ta' inqas minn tlettin mil fis-siegha u l-brakes taghha rabtu. Illi izda meta l-vettura instaqet b'aktar minn tlettin (30) mil fis-siegha l-vettura gibdet fuq in-naha tax-xellug. Minn dan l-ezami jirrizulta b'mod lampanti li kien hemm hsara fil-*piston tal-breaking system* u dan peress li *hydraulic* kien ghaddej aktar fuq naha wahda minn n-naha l-ohra u b'hekk ir-rota tax-xellug bdiet taghlaq qabel ir-rota l-ohra.

Mir-rapport u mix-xhieda tal-esperti patologisiti inoltre rizulta li l-impatt kien wiehed vjolenti ghaliex kien hemm l-aorta maqsuma u rrizulta wkoll li kien hemm diversi fratturi fil-gisem li lkoll waslu ghall-mewt ta' Bonnici.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat jinsab addebitat b'hames imputazzjonijiet bl-aktar wahda gravi tkun li b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ikkaguna l-mewt ta' Carmela Melita Bonnici. Permezz tal-imputazzjonijiet l-ohra huwa wkoll jinsab akkuzat b'sewqan traskurat, perikoluz, kif ukoll li saq b'velocita' qawwija ghall-lokalita' u c-cirkostanzi tat-triq u li naqas li jiehu l-prekawzjonijiet mehtiega meta avvicina pedestrian crossing.

Illi din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa kollha dovuta il-provi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jidrilha li l-istess Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li kien hemm traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat li kkagunaw l-incident awtomobilistiku de quo. Id-Difiza pruvat targumenta li l-incident sehh unikament ghaliex il-mara anzjana kkawzat emergenza istantanja tali li l-imputat ma setghax jevita l-impatt. Il-Qorti taqbel li kien hemm negligenza kontributorja da parti tal-anzjana li nonostante li kien hemm pedestrian crossing ftit metri 'l boghod ghazlet li taqsam minn hdejn il-bus stop. Il-Qorti izda jidrilha li n-nuqqas ta' kontroll tal-vettura u n-nuqqas ta' proper lookout da parti tal-imputat ukoll ikkontribwew sostanzjalment ghall-akkadut. Mill-provi fil-fatt irrizulta li l-imputat kellu nuqqas ta' kontroll tal-vettura tieghu kemm minhabba difett mekkaniku meta jigi applikat il-brake izda principalment minhabba il-velocita' eccessiva li biha kien qed isuq l-imputat. It-triq fejn sehh l-incident hija built up area u skond ir-Regolament 127 tal-Motor Vehicle Regulations il-velocita' ghall-inhawi bhal dawn ma tistghax teccedi is-60 kilometru fis-siegha. Mir-rapport tal-espert tat-traffiku Mario Buttigieg u minn ezamijiet xjentifici li huwa ghamel irrizulta li l-imputat kien ghaddej b'velocita ta' 41 mil fis-siegha. Dan ifisser li il-velocita' li kien qed isuq biha kienet eccesiva ghall-lokaklita'. Meta wiehed iqis li Triq it-Torri fiha diversi pedestrian crossings u li sewwieq huwa tenut li jnaqqas il-velocita' meta javvicina dawn il-pedestrian crossings, jirrizulta wkoll li kien hemm nuqqas ta' tharis lampanti tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputata. Il-Qorti jidrilha li kieku l-imputat kien ghaddej b'velocita' anqas u aktar adegwata ghall-lokalita l-incident seta' jigi evitat ghaliex dan kien jippermettielu kontroll ahjar tal-vettura tieghu u jaghtih l-opportunita' li jzomm 'a proper lookout' ghal pedestrians li jkunu ser jaqsmu t-triq. Id-Difiza pruvat titfa dubju fuq il-konkluzjonijiet tal-espert rigward il-velocita' adoperata mill-imputat billi sostniet li ma giex pruvat minghajr ombra ta' dubju li l-brake marks li abbazi taghhom saru l-kalkoli dwar il-velocita' effettivament kienu l-brake marks tal-vettura tal-imputat. Il-

Qorti wara li ezaminat bir-reqqa r-ritratti tal-brake marks mehuda mis-Scene of the Crime Officers[4], l-iskizz imhejji mill-Perit Richard Aquilina u wara li semghat l-ispjegazzjonijiet moghtija kemm minn dan tal-ahhar kif ukoll mill-espert Mario Buttigieg fejn dan spjega fid-dettal l-ezercizzju adoperat minnu u mil-Perit Aquilina sabiex jigi determinat li dawn il-brake marks kienu tal-vettura tal-imputat, tinsab sodisfatta li gie pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li dawn il-brake marks kienu fil-fatt saru mill-vettura tal-istess imputat. L-espert Mario Buttigieg fil-fatt spjega kif huwa kkalkola il-wisgha tat-tyres tal-vettura tal-mputat mal-marki li kien hemm fit-triq u dawn kienu jaqblu perfettament. Huwa spjega inoltre li dawn il-brake marks kienu l-aktar brake marks friski u evidenti li kien hemm fit-triq u kif dawn kienu perfettament kompatibbli mal-posizzjoni tal-vettura tal-imputat u mal-ispot of impact. Dwar is-sottomissjoni maghmula mid-Difiza li f'dik il-parti tat-triq kien hemm illuminazzjoni inadegwata u vizwali imxekla minhabba is-sigar li hemm mal-promenade liema sigar jitfghu dellijiet li jtelfu l-vizwali, il-Qorti jidrilha li jekk l-imputat dehrlu li kellu din il-problema aktar u aktar messu qaghad attent li jzomm velocita' baxxa sabiex ikun jista' jkollu kontroll assolut tal-vettura tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti ser issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat kemm il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali nadifa kif ukoll il-fatt li kif spjegat aktar 'il fuq kien hemm element ta' contributory negligence da parti tal-vittma u ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi ghandha timponi piena karcerarja sospiza u skwalifika tal-licenzja tas-sewqan.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17 u 225 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 15 (1)(a) u (2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament127.89 (Regolamenti tat-Traffiku) l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-

[4] Inseriti a fol. 21 tal-Process Verbal.

Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' tlett (3) snin millum u tiskwalifikah milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' elfejn tliet mija u tlieta u ghoxrin ewro u hamsa u disghin ewro centezmi (€2323.95) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------